MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tal-21 ta' Novembru, 2011

Numru. 1285/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kevin J. Farrugia)**
**(Spettur Carlos Cordina)**

**Vs**

**Shaun Debono ta' 38 sena, bin Alfred u Euna nee` Moy, imwieled Pieta` nhar 18/12/1973 u residenti gewa Blokk S, Flat 5, Bini Tal-Gvern, Hamrun, Malta, detentur tal-karta tal-identita nurmu 0021574(M)**

Il-Qorti;

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront tal-imputat li gie akkuzat talli nhar il-20 ta' Novembru, 2011, minn gewwa l-Kullegg San Gorg Preca, sitwat fi Triq Guze' Pace, il-Hamrun u f'inhawi ohra f'dawn il-Gzejjer ikkommetta serq ta' propjeta (projector u 4 laptops ) ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta u terzi persuni ohra, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-valur ta' aktar minn €2,329.37, bix-xorta tal-haga misruqa, u bil-hin.

Rat id-dokumenti esebiti;
Semghet l-ammissjoni maghmula mill-imputat ghall-akkuza migjuba fil-konfront tieghu liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;
Ikkunsidrat illi fid-dawl tal-ammissjoni mghamula mill-imputat ghall-akkuza migjuba fil-konfront tieghu hija ma tistax hlief issibu hati tal-istess.;
Illi meta tqis il-piena li ghandh tigi inflitta il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat, izda l-Qorti ma tistax tinjora l-fedina penali tieghu minn fejn jirrizulta illi l-imputat ghandu karattru refrettarju u diga gie misjub hati ta’ diversi reati u kwindi l-Qorti ma ghandhiex triq hlief li timponi piena karcerarja effettiva.
Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 261(b)(c)(f)(g), 263(a), 267, 270, 271 u 278(1)(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu u tikkudannah ghall-perjodu ta’ sena prigunerija.
Finalment il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza tintbaghat lill-Avukat Generali skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------